MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 454/2002/1

**Amadeo sive Deo Cassar
Vs
Riviera Resort Hotel Limited u Riviera
Resort Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ Lm600 (sitt mitt lira Maltin) rappresentanti ftehim li sar fit-18 ta’ Awissu 2001 fejn l-attur kellu jtella’ zewgt produzzjonijiet fuq l-istazzjoni Super One fi hdan il-programm minnu organizzat bl-isem ta’ “Tini Hamsa” f’ liema produzzjonijiet r-Riviera Resort kienet ser tinghata riklamar ampju u estiz;

Illi, apparti tali produzzjoni, kellu jkun hemm kampanja ta’ reklamar estiz illi fiha tinghata prominenza kbira l-post Riviera Resort;

Illi pagament akkont sehh dakinhar illi gie ffirmat il-kuntratt b’ mod illi kien ghad fadal bilanc ta’ Lm600.

Illi z-zewg produzzjonijiet sehhew kif ukoll ir-reklamar estensiv u dana b’ success;

Illi s-socjetajiet konvenuti, minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu, baqghu qatt ma hallsu.

Bl-ispejjez ta’ Lm20, ta’ zewgt ittri 20 ta’ Dicembru, 2001 u 15 ta’ Jannar, 2002.

Ra r-risposta fejn il-konvenuti eccipew illi preliminarjament s-socjeta Riviera Resort Hotel Limited mhix il-legittimu kontradittur stante li qatt ma ezistiet relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ssodisfax l-obbligu minnu assunti u ghaldaqstant ma ghandux jedd ghall-hlas;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa ecessiv;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant is-socjeta konvenuti talbu lil dan it-Tribunal jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Ra r-rinunzja tal-attur fil-konfront tas-socjeta’ Riviera Resort Hotel Limited u zamm ferm fil-konfront ta’ Riviera Resort Limited.

Sema’ ix-xhieda w ezamina d-dokumenti u n-noti ta’ osservazzjonijiet.

Ikkonsidra

Illi il-principju bazilari fl-esekuzzjoni ta’ kuntratti huma tnejn- ‘pacta sunt servanda’ u in ‘bona fede’. Fejn il-ftehim pattwit huwa redatt fl-iskritt, kull prova orali tkun applikabbli biex tispjega u tamplifika, mhux li twaqqa’ dak li hemm miktub.

Lanqas ma jezizti qbil bejn il-partijiet dwar liema ftehim ntlahaq- skond l-attur a Fol 12 u 13 datat 18 ta' Awissu 2001 u skond is-socjeta' konvenuta a Fol 15 datat 27 ta' Awissu 2001 tal-process. Lanqas ma hemm qbil dwar xi prodott kellu jipprovdi u s-servizzi rezibbli mill-attur lis-socjeta' konvenuta.

Illi l-attur kien jipprezenta  programm televiziv fuq stazzjon lokali, fil-waqt lis-socjeta' konvenuta kienet ghadha kemm tiftah hotel fit-tramuntana ta' Malta. L-attur seta' ighin mill-lat ta' pubblicita', fil-waqt li l-hotel tipprovdi l-post u l-facilitajiet necessarji sabiex l-attur ikun jista itella il-programmi tieghu hemm. Il-hotel approfitta ruhu giustament mill-okkazzjoni biex organizza BBQ bit-tama li jingiebu mill-attur kantanti ta' fama nazzjonali. Id-disguid inqala meta l-istess BBQ kien dizaztru u ma attendewx il-kantanti allegatament  indikati u l-attendenza kienet mizera ghall-ahhar!

Illi huwa f'dan il-kuntest li ma kienx qbil u giet krejata konfrontazzjoni. Jigi rilevat li s-success tal- BBQ ma kellux jiddipendi fuq l-attur. Iz-zewg programmi u reklamar ghamilhom- jekk ma attendewx in-nies hija haga ohra! Ma jfissirx li min jirriklama ta' bilfors ikun hemm success fl-okkazzjoni li tkun qed tigi proposta.

Jirrizulta, u mhux kontrodett mill-konvenuti li l-attur adopera ruhu mal-obbligi minnu assunti skond il-ftehim milhuqa. Li jonqos huwa li s-socjeta' konvenuta il-parti taghha, aktar u aktar meta tat bidu ghall-esekuzzjonijiet tieghu u hallset akkont.

Jiddeciedi kif fil-waqt li jillibera lis-socjeta' konvenuta Riviera Resort Hotel Ltd. billi l-atti gew ceduti fil-konfront taghha, tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' Riviera Resort Limited, tilqa it-talbiet attrici u tkkundanaha thallas is somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600) bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza, b'dan l-ispejjes tas-socjeta' Riviera Resort Hotel Limited jithallsu mill-attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------